MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Numru. 44/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Mario Bonello**
**v**

**Savio Debrincat**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **Savio Debrincat** bin bin Joseph u Elizabeth nee' Agius imwieled Victoria (Ghawdex) fil-21 ta' Jannar 1988 u joqghod Sun Bitten, Triq Frenc u Rosa Camilleri, Kercem detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 08288G gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-8 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tad-9.30pm f'Ghawdex ikkommetta serq ta' diesel li l-ammont tieghu huwa aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Carmel Grima minn

Kercem. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, lok, valur u persuna.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara hija izjed minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta' l-imsemmi Carmel Grima.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Jannar 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja markat bhala dokument CSH 2;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sarlu ai termini tal-artiklu 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali llum seduta stante;

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe' lis-Supretendent Mario Bonello, PS 1464 Michael Portelli, PC 883 Paul Azzopardi u Carmel Grima;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti quddiem l-avukat difensur tieghu u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u sussegwentement ammessi minnu;

Il-Qorti tat zmien xieraq lill-imputat sabiex jikkunsidra l-ammissjoni tieghu u dan nonostante l-imputat zamm ferm l-ammissjoni tieghu u fil-fatt il-partijiet trattaw il-kawza dwar il-piena li din il-Qorti ghandha timponi;

Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

**1.** l-ammissjoni bikrija tal-imputat u cioe' fl-ewwel seduta meta din il-kawza giet hekk appuntata u b'hekk ma nhela l-ebda hin prezzjuz tal-Qorti;

**2.** il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul din l-investigazzjoni kif del resto kkonferma l-Ufficcjal Prosekutur fix-xhieda tieghu u kif jirrizulta wkoll mill-ezami tal-istqarrija esebita fl-atti u mmarkata bhala dokument CSH 4;

3. il-fatt illi l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsarat sofferti mid-derubat;

4. il-fatt illi d-derubat iddikjara li huwa m'ghandux pretensjonijiet ulterjuri kontra l-imputat u dan ghaliex thallas ghas-saldu ta' dak pretiz minnu u li fil-fehma tieghu l-proceduri setghu waqfu;

5. illi s-socjeta' in generali ma sofriet ebda danni materjali;

*6.* il-fedina penali (dok CSH 1) netta u ndellibbli tal-imputat u ghalhekk fid-dawl tal-istess ghandu jitqies bhala *first time offender*;

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi 261(b) (c) (e) (f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tpoggih taht is-supervizjoni ta' Ufficcjal tal-Probation ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin;**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat kandidat ideali sabiex jiehu hsieb din l-ordni;**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat *probationer* u dan wara li l-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lilu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------